Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1180/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Christopher Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 1043.27), illi jirrapprezenta l-hlasijiet effettwati minnha lil terzi ghan-nom tal-konvenut ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta'**

**Terzi Persuni (Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta), in konnessjoni ma’ l-incident awtomobilistiku illi sebh fil-11 ta’ Lulju 2002 gewwa Triq it-Tigrija, Marsa, bejn il-vettura assikurata mill-konvenut mas-socjeta’ attrici, bin-numru ta’ registrazzjoni IAD 641, u l-vettura di proprjeta` ta’ Maria Elvia Iacono bin-numru ta’ registrazzjoni BBH 907.**
**Is-societa’ attrici qieghda titlob illi t-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut jirrifondi tali ammont wara illi jigi dikjarat illi l-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut hija invalidata, kancellata u mhassra stante illi l-konvenut ma onorax il-kundizzjoni tal-polza relattiva billi baqa’ jirrifjuta illi jhallas l-excess payment dovut minkejja diversi nterpellazzjonijiet lilu maghmula.**
**Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Settembru 2003 mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fil-5 ta’ Novembru, 2004. Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati**
**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici jiddikjara lill-konvenut ma onorax il-kundizzjonijiet tal-polza u konsegwentement jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici noe s-somma ta’ elf tlieta u erbghin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1043.27) bl-imghax legali mill-1 ta’ Ottubru 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Settembru 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------